# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 28 ta' Frar 2018

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Kevin J. Farrugia)**
**vs.**
**Alan Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alan Debono ta' 40 sena, bin Gaetano u Josephine nee' Delia, imwieled il-Pieta' fit-23 ta' Dicembru, 1977, u li joqghod 30, Triq il-Parrocca, Santa Venera detentur tal-karta ta' l-identita' numru 35878M.

Akkuzat:

Talli nhar il-25 ta' Marzu, 2006 ghall-habta tas-01.10 am waqt li kien qed isuq vettura ALN 111 tal-ghamla Alfa Romeo fit-Telgha t'Alla u Ommu, limiti tan-Naxxar u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna griehi ta' natura gravi *per durata* fuq

il-persuna ta' Mark Galea li ghandu I.D. 148885(M) skond kif iccertifika Dr J. Sciberras M.D.

2. Saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap 65, meta habat ma' vettura EAB 439 tal-marka Toyota u ikkawza hsara involontarja fuq l-istess vettura.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imsemmi Alan Debono milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 10 ta' Novembru, 2009 (fol 202 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 216, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 225, 226(1)(a)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 18, 325(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 54, 55, 57, 127 ta' l-Avviz Legali 129/1994 mahrug taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2010 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

## Il-Fatti

Il-verzjoni tal-*parte civile* u tal-imputat dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma totalment opposti. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tirriproduci iz-zewg verzjonijiet, sabiex il-konsiderazzjonijiet taghha fil-meritu jistghu jinftehmu ahjar.

*Il-Verzjoni tal-Parte Civile*

1. Il-*parte civile*, Mark Galea, kien ufficjal tal-pulizija fid-data tal-allegat incident.

2. Hu xehed li fil-25 ta' Marzu 2006 ghal habta tas-1.10a.m. kien niezel bil-karozza tieghu Toyota Corolla n-nizla imsejha t'Alla u Ommu, limiti tan-Naxxar fid-direzzjoni lejn is-Salini. Kif wasal fl-ewwel liwja, hu ghafas il-brejk, u kompla miexi pero skidja u miss ftit il-bankina, u fil-pront il-vettura ta' warajh, Alfa Romeo misjuqa mill-imputat, dahlet go fih.

3. Galea xehed li hu ma cempilx biex jigu pulizija fuq il-post, ghax qal li wara l-incident hu u l-imputat kienu se jiffirmaw il-formula ta' habtiet *bumper to bumper*. Pero jkompli jghid li peress li hassu mugugh, cempel lill-pulizija, li ma riedux jigu fuq il-post u qalulu li jridu jmorru l-ghassa tan-Naxxar biex jaghmlu rapport, kif fil-fatt ghamlu.

4. Galea xehed li hu mar il-klinika tal-Mosta u rriferewh l-isptar. L-isptar ghamlulu t-testijiet u baghtuh dak in-nhar stess.

5. Galea xehed li konsegwenza ta' dan l-incident hu sofra griehi gravi u baqa' b'dizabilita permanenti. Kien taht il-kura tal-*orthopaedic surgeon* Mr. Carmel Sciberras.

6. Mr. Carmel Sciberras xehed li konsegwenza ta' dan l-incident, Galea wegga' ghonqu u sofra feriti fit-tessuti rotob, cioe fil-muskoli, ghalkemm ma kienx hemm ksur. Xehed ukoll li Galea kien ghadu jsofri l-konsegwenzi ta' dawn il-feriti, anke meta xehed iktar minn sentejn u nofs wara l-incident.

7. Mix-xhieda tieghu u anke mis-survey tax-xhud Natalino Agius jirrizulta li l-vettura tieghu kellha s-segwenti hsarat *"The vehicle has suffered a hard blow on the rear effecting the rear bumper pushing the same unit on to the rear panel. This has been pushed in on to the floor panel. The floor panel has been damaged on the right side. The owner is also claiming the left taillight and the right taillight in connection with the same accident"*. L-istima kienet ta' LM220 ghal parts u LM235 ghax-xogholijiet.[1]

<u>*Il-Verzjoni tal-Imputat*</u>

1. L-imputat xehed li hu kien niezel in-nizla t'Alla u Ommu min-Naxxar direzzjoni lejn is-Salini u meta kien qed isuq, il-vettura ta' quddiemu – cioe dik ta' Mark Galea – skiddjat, habtet mal-bankina u giet sideways, u konsegwenza ta' dan ma kienx hemm post minn fejn vettura ohra tghaddi.

2. L-imputat jghid li hu ghafas il-brejk u peress li kellu d-distanza necessarja, il-karozza tieghu bl-ebda mod ma misset lil dik ta' Galea.

3. Ghaldaqstant huwa baqa' gol-karozza, jistenna lill-vettura ta' quddiemu terga' ssuq sabiex ikompli sejjer fi triqtu.

4. Minflok, ix-xufier tal-karozza, Mark Galea hareg u beda jghajjat mieghu u jghidlu li kien habat go fih. Meta sema' dan il-kliem, l-imputat qallu biex igibu l-Pulizija u l-wardens fuq il-post.

5. Galea beda jghidlu li hu kien pulizija, u li kellu jaghmel dak li jghid hu, ghaliex hu kien jaf il-ligi ahjar minnu.

6. L-imputat jghid li hu ippanikkja dak il-hin, u ra lil Galea jaghmel xi telefonati fil-karozza tieghu. Hu obda l-ordni li tah Galea biex imexxi l-vettura u jmorru l-ghassa tan-Naxxar, fejn ghamlu rapport.

[1] Ara Dok. MMS1 a fol. 39 tal-process.

7. L-imputat jghid li r-rapport tal-Pulizija ma jirriflettix dak li hu qalilhom, u cioe li kien zamm id-distanza u ma habatx ma Galea. Minflok ir-rapport jghid li peress li Galea skidja u ghalaq il-kareggata, ma setghax jevitah u baqa' diehel go fih.

8. Fix-xhieda u s-survey report tieghu x-xhud Natalino Agius, jghid hekk fuq il-vettura misjuqa mill-imputat *"The vehicle's left side bumper has no visible damages, the bumper has not been misaligned, the headlamp has not been damaged neither its brackets which are very fragile, the number plate is not distorted, the fog light is still intact and the headlamp washer nosel which is located on the outer part of the bumper has* (sic) *only slightly misplaced. This all indicates that the vehicle must have only touched slightly against another body. Although this damage could have easily been done under parking conditions."*[2]

## Konsiderazzjonijiet dwar Htija

Id-determinazzjoni dwar jekk l-imputat hux hati jew le tar-reati li bihom gie addebitat, tirrivolvi dwar il-kredibilita tax-xhieda ta' Mark Galea u dik tal-istess imputat.

Wara li qrat akkuratament il-process, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezistazzjoni li tghid li l-verzjoni tal-imputat hija l-wahda kredibbli, u dan ghal diversi ragunijiet.

Fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova biex b'xi mod tikkontradici x-xhieda tas-surveyor indipendenti – Natalino Agius - imqabbad minn Citadel Insurance Co. Ltd., is-socjeta assiguratrici tal-vettura misjuqa mill-imputat, li ma setghax isib konnessjoni bejn il-hsara tal-Alfa Romeo u l-hsara li kien hemm fuq it-Toyota Corolla. Fil-fatt, wara li ghamel is-survey fuq il-vettura ta' Galea, Natalino Agius kiteb lis-socjeta assiguratrici hekk:

*"Please note the above vehicle is not in good condition. It has several dents and scratches. The rear wing as one can see from the photos provided has been involved in another accident in fact there is blue print on the side.*

---

[2] Ara Dok MMS2 a fol. 49 tal-process.

*The damages on the rear seems that have been there for some time since the panel has already started to rust. As regards the left taillight, I have my doubts how true is the statement from the owner that it belongs to the same accident."*[3]

Fix-xhieda tieghu Natalino Agius jghid hekk:

*"Il-vettura Toyota li ghandha daqqa wara u kienet koncentrata fuq in-naha tal-lemin, id-daqqa kkoncentrata kwazi taht il-fanal.*

*... ... Mhux fil-corner ezatt. Daqsxejn 'l gewwa. Issa hemm hekk normalment il-vetturi jkollhom ahna nghidulha ir-ras, jigifieri l-parti minn fejn nibdew ic-chassis. Struttura fuq xiex tinbena il-karozza. Hemm hekk hu lokat. Fil-fatt meta tiehu daqqa hemm normalment jinqaras ftit ic-chassis u tinqaras ftit il-floorboard, l-art meta tiftah il-bagoll. Fil-fatt din il-vettura ghandha hekk.*

*... ... Trid tkun soda id-daqqa. Ghax ic-chassis huwa sod. ... ...*

*Jiena bil-hsara li rajt fit-Toyota li ghandha l-floor board li ghandha l-faccata 'l gewwa u l-bagoll ma jaghlaqx sewwa, meta tqabbilha mal-hsara tal-Alfa li ghandha bumper tal-plastic, l-Alfa jigifieri mhix xi karozza li hija mibnija bhal xi Land Rover li jkollha bumper tal-hadid ... ...*

*Fragile. Il-bumper tal-plastic suppost li jimmarka, at least jew jimmarka jew jinqasam biex naghmel dik il-hsara. Issa il-fanal tal-Alfa li huwa vicin ghandu brackets zghar li dawn huma fragile ukoll. Appena jkun hemm impatt quddiem, jikkrekkjaw dawn il-brackets normalment. Ma stajt insib ebda minn din il-hsara fuq l-Alfa. Fil-fatt ir-rapport li ghamilt jien, l-Alfa ma tajtha l-ebda tiswijiet ... ..."*[4]

Meta x-xhud Natalino Agius gie mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur kif jispjega li fir-rapport tal-Pulizija esebit, il-Pulizija ra hsara fil-*"left headlamp washer and bumper"* tal-vettura misjuqa mill-imputat, ix-xhud wiegeb li meta ra hu, din il-vettura ma kellhiex hsara, u zied jghid hekk *"Jien nixtieq naf il-pulizija, ghalkemm qed jghid li ra hsara fil-bumper, jien meta*

[3] Ara fol. 40 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Natalino Agius a fol. 228 *et seq.* tal-process.

*nghid nara hsara, qed nghid x'fiha il-hsara, x'ralhom hazin il-pulizija halli nqabbluhom mar-ritratti li ghandi jien."*[5] Mistoqsi jekk hu ghamilx iz-zewg vetturi ma xulxin biex jikkonstata jekk il-vetturi laqtux lil xulxin, ix-xhud Agius wiegeb fin-negattiv, pero qal li hu jara tminn (8) karozzi kuljum, cioe 2000 karozza fis-sena.

F'xhieda li ta f'seduta ohra ix-xhud Agius rega' irrepeta li fl-opinjoni tieghu il-hsarat li qed jigi allegat li saru fuq it-Toyota ma setghux saru mill-Alfa Romeo. Huwa qal ukoll li l-karozzi kienu tal-istess gholi u li l-Alfa kella l-bumper u l-*components* taghha kollha tal-fabbrika.[6]

Lanqas il-Prosekuzzjoni ma tista' targumenta li is-surveyor Agius spezzjona l-vettura Alfa circa hmistax-il gurnata wara l-allegat incident, u nel fratemp l-imputat ghamel it-tiswijiet necessarji, ghaliex mill-provi jirrizulta li l-gurnata ta' wara l-allegat incident, kmieni fil-ghodu, l-imputat u missieru Gaetano Debono, li hu sid il-vettura, marru fl-ufficini tas-socjeta assiguratrici Citadel Co. Ltd., biex jaghmlu *claim.* Il-claims handler, Glenn Mercieca, xehed li l-imputat qallu *"li kien niezel min-nizla tat-Telgha' u Ommu ... ... u kien hemm vettura quddiemu. Din il-vettura tilfet il-kontroll ghal ragunijiet jew ohra, habtet gol-bankina, x'hin habtet gol-bankina regghet giet lura fil-karreggjata tieghu, ghalqitlu l-karreggjata u f'dak il-hin jista' jkun li kien , li miss din il-vettura b'mod minimu. Lanqas kien cert kienx missha ghax impatt ma hassx ... ..."*

Glenn Mercieca xehed li hu baqa' jiftakar dan l-incident ghax Gaetano Debono, missier l-imputat, beda jinsisti mieghu biex johrog fit-triq biex jara l-karozza, u hu kien riluttanti biex jaghmel dan ghax hu kien claims handler, u mhux surveyor. Pero Gaetano Debono baqa' jinsisti mieghu biex johrog, ghax hu ma riedux jara l-hsarat, imma biss biex jikkonferma li l-vettura ma kellhix hsarat. Ghalhekk ikkonvinca ruhu biex johrog. Hu kompla xehed hekk *"Dorna dawra mal-karozza li ma rrizulta li kellha l-ebda tip ta' hsara. Lanqas grif."*[7]

Rigward l-allegati feriti gravi li sofra Mark Galea, din il-Qorti hatret bhala espert lil Dr Frederick Zammit Maempel bhala espert mediku. Fir-rapport tieghu, Dr. Zammit Maempel ikkonkluda hekk:

---

[5] Ara fol. 233 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Natalino Agius a fol. 207 *et seq.* tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Glenn Mercieca a fol 254 *et seq.* tal-process.

*"Jiena ezaminajt lis-Sur Mark Galea tlitt snin u nofs wara l-incident. L-ezami kliniku juri nuqqas ta' xhieda anatomika, cioe oggettiva, ta' defisit funzjonali. L-ezami klinku anzi jizvela sejbiet bhal "stock hypoaesthesia" tad-driegh lemini, ugiegh precipitat fl-ghonq meta passivament jiena erfghajtlu id-driegh 'l barra, ugiegh (tenderness) fuq l-irkiekel kollha ta' l-ghonq (C1 sa C7) u fuq lis-skutella ta' rasu (occiput), ugiegh precipitat fid-dahar ma "total body rotation" – Dawn kollha huma imsehbin ma etjologija soggettiva. L-x-rays ta' l-ghonq, inkluzi d-dynamic views li jiddokumentaw flexion normali kif ukoll l-MRI ta' l-ghonq, huma ghal kollox normali u ma offra ebda spjegazzjoni ghall-ilmenti f'ghonqu u f'dirajgh. L-xray ta' daharu jidher normali, izda l-MRI mehud tletin xhar qabel wera disc ckejken fil-livell L5/S1. Dan id-disc mhux muri joqros nervituri, u n-nuqqas ta' hass b'tajjara f'koxxtu w fuq il-parti mejali u l-wicc tal-pala ta' siequ ix-xellugija m'humhiex zoni ta' distribuzzjoni ta' nerv S1 li johrog bejn l-irkiekel L5 u S1. Huwa probabbli li dan id-disc zghir segwa n-natural history tal-bicca l-kbira ta' minor disc herniations u nxotrob u ccikatrizza (dessicated and scarred) w s-sintomi tieghu mistennija jcedu biz-zmien. B'konkluzjoni, l-ezami kliniku ma wrinix xhieda oggettiva u konvincenti ta' dizabilita permanenti."*[8]

Ghalkemm din il-konkluzjoni tmur diametrikament kontra l-konkluzjoni ta' Mr. Carmel Sciberras, il-konsulent ortopediku ta' Mark Galea, din il-Qorti hija tal-fehma li l-opinjoni ta' l-espert mahtur minnha, Dr Zammit Maempel hija wahda indipendenti, u l-kredibilita tieghu ma giet bl-ebda mod attakkata mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiskarta l-opinjoni tal-espert mahtur minnha stess.

Dan iktar u iktar, meta din il-Qorti semghet ukoll l-elaborazzjoni li ta Dr Zammit Maempel fix-xhieda tieghu, ghalfejn wasal ghal din il-konkluzjoni, fejn qal hekk: *"L-xrays ta' l-ghonq inkluz id-dynamic views li jiddokumentaw flexion normali, din trid tigi in kuntest, meta ezaminajtu flexion ma hallinix naghmel, pero fuq l-xray meta qalulu ghamel hekk u ghamel hekk, kien jaghmel hekk. ... ... (P)ero li ma qabilx f'dan is-sinjur ma' l-ezami huwa li d-disc qieghed L5 S1 u fejn jghidli li ma jhossnix gejjin minn L4 5, wahda 'l fuq u minn iktar 'l fuq. Ix-xhieda li ghandi jiena hawn hekk ma tikkorroborax il-findings ta' l-MRI. Jiena minix allura konvint. Fl-ahhar twezinha u tghid ghandu jew m'ghandux? F'ghonqu m'ghandu xejn zgur. Zgur u f'dahru mhux konvincenti. S'hemm kapaci nasal."* Huwa ikkonkluda x-xhieda

[8] Ara rapport ta' Dottor Zammit Maempel a fol. 191 *et seq.* tal-process.

tieghu billi qal li s-sintomi li minnhom qed jilmenta Galea meta tqabbilhom mal-evidenza medika, m'ghandhomx mis-sewwa.[9]

Mill-provi suesposti, hu ovvju li x-xhieda tal-*parte civile* Mark Galea mhix wahda attendibbli. *Ex abbundantia,* il-Qorti taghmel riferenza ghas-segwenti inkonsistenzi u affarijiet inspjegabbli fix-xhieda tieghu:

1. Fix-xhieda tieghu, Mark Galea beda biex jghid li fl-ewwel lok hu u l-imputat kienu se jimlew formula ta' habta bumper to bumper, pero imbaghad ghal xi raguni li ma jispjegax jghid li cempel lil Pulizija li ma riedux jigu fuq il-post, u qalulu biex imorru jaghmlu rapport l-Ghassa tan-Naxxar.

2. Mark Galea, li fiz-zmien tal-incident kien ufficjal tal-Pulizija, ma ezigiex li jigu l-wardens jew il-pulizija fuq il-post, izda – skond hu fuq ordni mill-Pulizija tal-Ghassa tan-Naxxar – ordna lill-imputat biex icaqilqu l-karozzi u jmorru jaghmlu rapport l-Ghassa. Dan imur kontra kull principju li x-xena tar-reat tigi konservata – u bhala ufficjal tal-Pulizija, il-Qorti m'ghandhix dubbju li Galea kien jaf dan perfettament. Dan hu agir inspjegabbli iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra l-entita tad-danni li Galea kien qed jallega li soffra fil-vettura tieghu u l-ugiegh li hass konsegwenza tal-allegata kollizjoni tal-vetturi.

3. Minkejja l-ugiegh kollu li qed jallega li hass, Galea saq wahdu mill-post tal-incident sal-Ghassa tan-Naxxar minghajr problemi, u skond ix-xhieda tieghu, wara li ghamel ir-rapport saq min-Naxxar sal-clinic tal-Mosta, u mill-clinic tal-Mosta ghall-isptar Mater Dei l-Imsida. Certament mhux kompatibbli ma' agir ta' persuna li tkun giet midruba u mweggha f'incident stradali, u wara snin tkun ghadha tilmenta minn dak l-ugiegh.

4. Wara li saru t-testijiet necessarji fl-Isptar Mater Dei, huma rrilaxxawh dak in-nhar stess, ghax ma sabu xejn hazin, hlief li kien qed jilmenta minn ugiegh f'ghonqu, u ppreskrivewlu painkillers u tawh kullar. Pero, ma inghatax appuntament sabiex jibqa' jigi segwit l-isptar bhala *outpatient.*

[9] Ara xhieda ta' Dottor Zammit Maempel a fol. 187 *et seq.* tal-process.

Min-naha l-ohra, ix-xhieda tal-imputat hija korroborata bix-xhieda ta' Natalino Agius, Glenn Mercieca, Gaetano Debono u l-espert mediku Dottor Frederick Zammit Maempel.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tar-reati elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**